



## IL-FINANZJAMENT TAL-PAK

Il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni tradizzjonalment kien jiġi żgurat minn fond wieħed, il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), li mill-1 ta' Jannar 2007 ġie sostitwit mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

### IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 40(3), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);  
Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013).

### L-IŻVILUPP TAL-QAFAS FINANZJARJU AGRIKOLU

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK), li nħolqot f'Jannar tal-1962, kienet imsejsa fuq il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG). FI-1964, dan il-Fond inqasam f'żewġ taqsimiet, jiġifieri, it-Taqsima tal-"Garanziji" u t-Taqsima tal-"Gwida", li kellhom regoli differenti.

- It-Taqsima tal-"Garanziji", bil-bosta l-aktar importanti, kellha bħala objettiv il-finanzjament tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-politika tas-swieq u tal-prezzijiet. Dawn huma kkaratterizzati min-natura imprevedibbli tagħhom u, għaldaqstant, jiġu aġġustati bil-għan li jitqabblu l-previżjonijiet ta' approprazzjonijiet mal-bżonnijiet reali, permezz ta' baġits emendatorji. Bħala regola ġenerali, il-FAEGG - it-Taqsima tal-Garanziji kienet tiffinanzja l-miżuri kollha ta' intervent fis-swieq.
- It-Taqsima tal-"Gwida" tat kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-operazzjonijiet tal-politika strutturali u tal-iżvilupp taż-żoni rurali. Għall-kuntrarju tal-FAEGG - it-Taqsima tal-Garanziji, il-FAEGG - it-Taqsima tal-Gwida kienet ibbażata fuq il-prinċipju tal-kofinanzjament.

Mill-1988, biex titrażżan iż-żieda fl-infiq, l-approprazzjonijiet tal-PAK għaddew minn dixxiplina baġitarja iebisa permezz tat-twaqqif ta' linja gwida fil-qasam agrikolu pluriennali (id-Deċiżjoni 88/377/KEE, li wasslet għal konklużjoni tagħha permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-22 ta' Ġunju 1988, fil-qafas tal-Pakkett "Delors I") (ara l-iskeda [1.4.3](#)).

Eżatt wara t-Trattat ta' Maastricht u l-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992), il-qafas finanzjarju ġie organizzat mill-ġdid (il-Pakkett "Delors II"). Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-1988 wassal għal Ftehim ġdid dwar id-dixxiplina baġitarja għall-



perjodu 1993-1999 (ĠU C 331, 7.12.1993). Id-Deċiżjoni Nru 88/377/KEE ġiet supplementata permezz tad-Deċiżjoni Nru 94/729/KE (ĠU L 293, 12.11.1994) li kkonfermat il-prinċipju li d-dixxiplina finanzjarja kienet tapplika għall-politiki komuni kollha. L-Aġenda 2000 (ara l-iskeda 3.2.3) estendiet il-linja gwida fil-qasam agrikolu fil-prospettivi finanzjarji għall-2006-2006 (ĠU C 172, 18.6.1999). FI-istess ħin, il-metodi ta' finanzjament tal-PAK ġew stipulati permezz tar-Regolament il-ġdid (KE) Nru 1258/1999 (ĠU L 160, 26.6.1999 p. 103).

Il-qafas finanzjarju pluriennali, għall-perjodu 2007-2013, ġie approvat fl-2006 (ĠU C 139, 14.6.2006) (ara l-iskeda 1.4.3). L-intestatura 2 tiegħu, "Konservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali" tinkludi l-baġit agrikolu u rurali, l-ambjent u s-sajd (EUR 413-il biljun fi prezzijiet attwali, jiġifieri 42.3 % tal-appropriazzjonijiet tal-impenji globali għall-UE-27). Ir-reviżjoni tal-finanzjament tal-PAK ġiet ukoll diskussa waqt id-dibattiti preparatorji dwar il-perspettivi 2007-2013.

- Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1) qasam il-FAEGG f'żewġ fondi differenti, jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Il-FAEG, jiffinanzja, u ġieli jikkofinanzja flimkien mal-Istati Membri, l-infiq tal-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS) (ara l-iskeda 3.2.4), l-appoġġ dirett għall-azjendi agrikoli (ara l-iskeda 3.2.5), il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal attivitajiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi, kif ukoll infiq ieħor skont il-bżonn tal-Unjoni bħal pereżempju interventi veterinarji u ta' ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi.
- Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 kien akkumpanjat mir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 277, 21.10.2005) dwar is-sostenn għall-iżvilupp rurali permezz tal-FAEŻR, minħabba l-partikolaritajiet finanzjarji u l-ipprogrammar tat-tieni pilastru tal-PAK (ara l-iskeda 3.2.6). Il-FAEŻR jikkofinanzja t-titjib tal-kompetittività fis-settur agrikolu u dak tal-forestrija, il-miżuri agroambjentali, it-titjib fil-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u l-inkoraġġiment għad-diversifikazzjoni fl-ekonomija rurali, u l-bini ta' ħiliet lokali (Initiative Leader) (ara l-iskeda 3.2.6).

It-Taqsima "tal-Garanziji" dejjem kienet fost l-infiq obligatorju tal-baġit komunitarju, li jirriżulta direttament mit-Trattat jew mill-Atti adottati taħtu. Min-naħa l-oħra, it-totalità tal-infiq tal-FAEGG - it-Taqsima tal-Gwida kienet ikklassifikata bħala mhux obligatorja. Sad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (ara l-iskeda 3.2.1), il-Kunsill, il-fergħa primarja tal-awtorità tal-baġit tal-Unjoni, kellu tradizzjonalment l-aħħar kelma dwar l-infiq obligatorju fil-proċedura ta' tnejn tal-baġit annwali. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew għadu sal-lum iżomm is-setgħa li jiddeċiedi fuq l-infiq mhux obligatorju fil-limiti ta' livell massimu ta' żieda kkalkulat mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' parametri ekonomiċi. It-trattat il-ġdid dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ara l-iskeda 3.2.1) neħħa din id-distinzjoni u issa ż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) jiddeċiedu flimkien it-totalità tal-infiq fil-qasam agrikolu.

Fir-rigward tal-perjodu 2014-2020, il-Parlament Ewropew approva, fid-19 ta' Novembru 2013 [ir-Riżoluzzjonijiet [P7\\_TA\(2013\)0455](#) u [P7\\_TA\(2013\)0456](#), ĠU C 436, 24.11.2016], ir-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid [ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, ĠU L 347, 20.12.2013] kif ukoll il-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013). Barra minn



hekk, ir-riforma tal-2013 ħassret ir-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 u Nru 1698/2005, li ġew sostitwiti bir-Regolament (KE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u b'segwitu għall-PAK, u r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 dwar is-sostenn għall-iżvilupp rurali permezz tal-FAEŻR (ĠU L 347, 20.12.2013).

Il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid jistabbilixxi baġit totali għall-intestatura "Konservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali" (li tinkludi l-PAK) ta' EUR 373.17 biljun fi prezzijiet tal-2011, jiġifieri 38.9% tal-appropriazzjonijiet ta' impenn totali tal-UE-28. Ir-regolazzjoni tas-swieq agrikoli u l-ħlasijiet diretti jirrappreżentaw 28.9% tal-impenni totali previsti (ara l-iskeda [3.2.10](#), Tabella I, linja B). Barra minn hekk, il-miżuri għall-iżvilupp rurali jirrappreżentaw 8.8% ta' dan l-ammont (ara l-iskeda [3.2.10](#), Tabella I, Linja C). Għalhekk, il-baġit agrorurali previst għas-sena 2020 huwa EUR 49 biljun, jiġifieri 34.9 % tat-total, li jikkorrispondi għal perċentwal anqas minn dak allokat lill-PAK fil-bidu tal-perspettivi finanzjarji (40.5 % fl-2014) (ara l-iskeda [3.2.10](#), Tabella I, linja D).

Il-qafas finanzjarju pluriennali dwar l-agrikoltura ġie emendat fl-2015 wara t-trasferimenti bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK deċiżi mill-Istati Membri [Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2015/141 (ĠU L 24, 30.1.2015)]. It-tabella ta' hawn taħt turi l-piż finanzjarju finali tal-OKS, il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali fi ħdan il-PAK.

<b>IL-BAĠĠIT TAL-PAK 2014-2020 (UE-28)</b>	<b>Total 2014/-2020 (biljuni ta' euro skont il- prezzijiet kurrenti)</b>	<b>% PAK</b>
MIŻURI TAS-SUQ (OKS)	19.002	
a) Dħul assenjat	(4,704)	
b) Riżerva ta' kriżi	+3.155	
A) TOTAL OKS [a) + b)]	17.453	4.3 %
PAGAMENTI DIRETTI (PD)	298,438	
c) Trasferimenti favur il-pilastru 2	(7.369)	
d) Trasferimenti favur il-PD	+ 3.359	
e) BILANĊ NETT TAT-TRASFERIMENTI [c) + d)]	(4.010)	
f) Riżerva ta' kriżi	(3.155)	
B) TOTAL PD [e) + f)]	291.273	71.3 %
TOTAL PILASTRU 1 [A) + B)]	308.726	75.6 %
MIŻURI TA' ŻVILUPP RURALI (ŻR)	95.577	
g) Bilanċ nett favur il-pilastru 2	+ 4.010	
C) TOTAL PILASTRU 2 [ŻR]	99.587	24.4 %
TOTAL PAK 2014-2020 [A) + b) + C)]	408.313	100 %

Il-Kummissjoni nediet reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 fl-2016 [[COM\(2016\)0605](#)]. In-negożjati agrikoli tar-Regolament imsejjaħ "Omnibus" intemmu f'Ottubru 2017. Għalkemm l-ammonti tal-PAK ma kinux intlaqtu, din ir-reviżjoni tinkludi xi bidliet tal-atti bażiċi agrikoli fl-2013 [ir-Regolament (UE) Nru 2393/2017, ĠU L 350, 29.12.2017] (ara l-iskeda [3.2.9](#)).



## L-IŻVILUPP TAL-INFIQ AGRIKOLU U RURALI

### A. Farsa ġenerali

Il-baġit tal-Unjoni għall-2020 jipprevedi total ta' EUR 168.68 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Il-pagamenti diretti jirrappreżentaw 24 % tal-appropriazzjonijiet (EUR 40.6 biljun), miżuri ta' żvilupp rurali, 8.7 % (EUR 14.6 biljun), u nfiq ieħor, 1.7 %. B'kolloxx, fl-2020 il-PAK tirrappreżenta 34.5 % tal-baġit tal-Unjoni (EUR 58.12-il biljun).

Il-parti tal-infiq għall-agrikoltura mill-baġit tal-Unjoni Ewropea qed tonqos b'mod kontinwu minn diversi snin 'l hawn. Filwaqt li l-PAK kienet tirrappreżenta 66% tal-baġit tal-Unjoni fil-bidu tas-snin tmenin, fil-perjodu 2014-2020 din tirrappreżenta 37.8% biss. Mill-1992, meta saret l-ewwel riforma importanti tal-PAK u li matulha kien hemm splużjoni ta' għajnuniet diretti, l-infiq agrikolu baqa' stabbli f'termini reali, minbarra fis-snin 1996 u 1997 (minħabba l-kriżi tal-marda tal-"mad cow" u minħabba l-adeżjoni ta' tliet Stati Membri ġodda). Għalhekk, l-ispiża baġitarja tal-PAK meta mqabbla mad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) tal-Unjoni naqset, minn 0.54% fl-1990 għal 0.34% prevista għall-2020.

### B. It-tqassim għal kull kategorija ta' nfiq u għal kull settur

L-infiq tal-ewwel pilastru (EUR 44.3 biljun skont l-aħħar rapport finanzjarju ppubblikat għall-2018) jikkonsisti f'għajnunata diretta allokata ta' 93.5 % lill-bdiewa (EUR 41.5 biljun) (ara l-iskeda [3.2.10](#), Tabella V, kolonna 1 — a u b). Iż-żieda sostanzjali ħafna tal-għajnuniet diretti mill-1992 ġabet magħha tnaqqis parallel ma' nfiq ieħor tal-FAEGG - it-Taqsima tal-Garanziji/FAEG: is-sussidji tal-esportazzjoni ġew kważi eliminati fl-2018 u l-interventi l-oħra fis-suq (ħażna, azzjonijiet ta' promozzjoni u informazzjoni, programmi ta' distribuzzjoni fl-iskejjel) ma jaqbżux it-2.7 biljun (6.1 % tat-total) (ara l-iskeda [3.2.4](#), Tabella 1).

### C. Tqassim skont il-pajjiżi u skont it-tip ta' azjenda agrikola

Kif turi t-Tabella V, għas-sena finanzjarja 2018 (ara l-iskeda [3.2.10](#)), Franza hija l-pajjiż li l-aktar jirċievi fondi mill-PAK (16.9 %), u warajh Spanja (12.1 %), il-Ġermanja (10.8 %) u l-Italja (9.5 %). Madankollu, fir-rigward tal-FAEŻR, Franza u r-Rumanija jinsabu quddiem nett tal-benefiċjarji (14.1 % u 9.4 % rispettivament tal-pagamenti reali fl-2018), segwiti mill-Ġermanja (9.1 %) u l-Italja (8.6 %). Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Istati Membri l-ġodda (UE-13) ftit influwenzaw il-FAEG (22.5 % fl-2018). Min-naħa l-oħra, dawn il-pajjiżi diġà jirċievu parti sostanzjali tal-FAEŻR (32.3 %) bl-applikazzjoni tal-prijorità li tingħata għall-immodernizzar tal-istrutturi agrikoli u għall-iżvilupp taż-żoni rurali.

It-Tabella V, kolonna 2, (ara l-iskeda [3.2.10](#)) turi wkoll it-tqassim inugwali tal-għajnuniet diretti tal-PAK fil-livell tal-azjendi agrikoli: 75.2 % tal-benefiċjarji mill-PAK fl-UE-28 fl-2018 irċewew inqas minn EUR 5 000 fis-sena, b'ammont totali ekwivalenti għal 15.7 % tat-total tal-għajnuniet diretti li jiġu mħallsa mill-FAEG. Min-naħa l-oħra, perċentwal minimu tal-azjendi agrikoli (123 578 minn total ta' 6.37 miljun, jiġifieri 1.9 %) jirċievi aktar minn EUR 50 000, b'ammont totali ekwivalenti għal EUR 12.8 biljun (30.8 % tat-total tal-għajnuniet diretti mħallsa fl-2016). Il-pajjiżi bl-ogħla perċentwali ta' azjendi agrikoli (jew kumpaniji) kbar benefiċjarji tal-PAK huma d-Danimarka, Franza, ir-Repubblika Ċeka, ir-



Renju Unit u s-Slovakkja. Din is-sitwazzjoni tqajjem problemi ta' leġittimità tal-għajnuna fid-dawl tal-prinċipji applikati għaċ-ċittadini kollha (progressività tat-taxxa, għieda kontra l-inugwaljanzi).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Ftehimiet Interistituzzjonali tal-1988, tal-1993, tal-1999 u tal-2006 offrew l-opportunità lill-Parlament Ewropew li jkollu influwenza akbar fuq l-infiq obbligatorju. In-negozjati twal dwar ir-regolament dwar il-qafas finanzjarju għall-perjodu 2014-2020 wasslu għal ftehim politiku fl-aħħar ta' Ġunju 2013, li ġie adottat miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja f'Novembru 2013. Il-Parlament, bil-pressurejoni tal-approvazzjoni meħtieġa mill-Plenarja, seta' jimmodifika l-ftehim ta' prinċipju tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013. Fost it-tibdil li ġie akkwistat, wieħed jista' jsemmi aktar flessibilità fl-immaniġġjar tal-intestaturi, it-tishiñ tal-Unità tal-Baġit, l-użu immedjat min-naħa tal-Istati Membri tal-approprazzjonijiet li għad iridu jitħallsu fil-baġit 2013 kif ukoll it-titjib tal-krediti allokatu għall-intestatura 1 (kompetittività) [ir-Riżoluzzjonijiet [P7\\_TA\(2013\)0455](#) u [P7\\_TA\(2013\)0456](#)]. Min-naħa tiegħu, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tejjeb xi aspetti finanzjarji tas-sistema tal-PAK il-ġdida, wara l-aħħar trilogi li saru f'Settembru 2013. Dawn il-bidliet għamluha possibbli li t-testi regolamentari kollha tal-PAK il-ġdida jiġu approvati fl-20 ta' Novembru 2013 [ir-riżoluzzjonijiet [P7\\_TA\(2013\)0490](#) sa [P7\\_TA\(2013\)0494](#), ĠU C 436, 24.11.2016]. Il-ħames regolamenti l-ġodda ġew ippubblikati fl-20 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 20.12.2013). Il-proposta dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għal wara l-2020 (mingħajr ir-Renju Unit) ġiet ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2018 (ara l-iskedi [3.2.9](#) u [3.2.10](#)).

Albert Massot  
02/2020

